MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA / AWWISSU 2023

## L-MCA tniedi konsultazzjoni dwar 'L-Aġġustament tal-Prezzijiet' fis-settur tat-telekomunikazzjoni

*Il-konsultazzjoni tipproponi sett ta' miżuri li operaturi li jipprovdu servizzi ta' internet, televiżjoni, telefonija mobbli u fissa għandhom japplikaw meta joffru kuntratti ta' servizzi li jippermettu li l-prezzijiet jinbiddlu b'ammont li jikkorrispondi għal 'consumer price index' oġġettiv miġbur minn istituzzjoni pubblika. Dawn il-miżuri qed jiġu proposti mill-MCA sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi.*

Fix-xhur li għaddew, xi operaturi introduċew klawsoli f'xi kuntratti tal-abbonati tagħhom li jippermettulhom iżidu l-prezzijiet tas-servizzi tagħhom b'ammont li jikkorrispondi għal 'consumer price index' oġġettiv miġbur minn istituzzjoni pubblika. Dawn il-klawsoli jispeċifikaw li meta din iż-żieda fil-prezzijiet tiġi applikata, l-abbonati mhux ser ikollhom il-fakulta` li jtemmu l-kuntratt tagħhom mingħajr ma jħallsu l-penali applikabbli għat-terminazzjoni tas-servizzi.

Din il-kwistjoni kienet fiċ-ċentru ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea "CJEU" fejn din il-Qorti ddikjarat li bidla fil-prezzijiet tas-servizzi b'ammont li jikkorrispondi għal 'consumer price index' oġġettiv miġbur minn istituzzjoni pubblika u li ġiet imposta skont klawsola li kienet inkluża fil-kuntratt tas-servizzi, ma tikkostitwixxix modifika tal-kundizzjonijiet kuntrattwali. Għaldaqstant, din il-Qorti saħqet li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-operaturi mhumiex obbligati li jgħatu lill-abbonati l-fakulta` li jtemmu l-kuntratt tagħhom mingħajr ma jeħlu l-penali applikabbli għat-terminazzjoni tas-servizzi.

L-MCA hija mħassba li l-inklużjoni ta' klawsoli bħal dawn se jkollha impatt negattiv fuq l-abbonati b'mod partikolari minħabba li l-abbonati ma jkollhomx ċertezza suffiċjenti dwar dak li jistgħu jkunu meħtieġa jħallsu matul it-tul tal-kuntratt tal-abbonament tagħhom. Għal dan il-għan, l-MCA nediet konsultazzjoni pubblika li fiha pproponiet sett ta' miżuri li għandhom jaderixxu magħhom l-operaturi li joffru kuntratti lill-konsumaturi li jkun fihom klawsoli bħal dawn sabiex tiġi assigurata protezzjoni akbar ghall-konsumaturi.

Fost miżuri oħra, l-MCA tipproponi li qabel jabbonaw għal xi servizz, il-konsumaturi jridu jgħatu kunsens espliċitu permezz ta’ firma li tindika li huma konxji li l-kuntratt li huma ser jintrabtu bih jinkludi dawn it-tip ta’ klawsoli. Proposta oħra li qed tiġi inkluża f'din il-konsultazzjoni hija li kuntratti li jinkludu klawsoli bħal dawn m'għandhomx jorbtu lill-abbonati għal perjodu itwal minn sitt (6) xhur.

Il-perjodu ta' konsultazzjoni se jibqa' għaddej sa 12.00hrs CET tad-29 ta’ Settembru 2023. Il-partijiet interessati u l-membri tal-pubbliku huma mistiedna jibgħatu s-sottomissjinijiet tagħhom lill-MCA b’mod elettroniku fuq consultations@mca.org.mt jew bil-posta lil: Awtorita` ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni, Pinto Wharf, Valletta Waterfront, Floriana, FRN1913.